Ħbieb,

Ġieli tħossok imbarazzat meta tkun qed tagħmel xi ħaġa fuq il-kompjuter u jiġi daqxejn ta' tifel u jagħmel dak li tkun qed tagħmel inti f'nofs il-ħin tiegħek. Dan hu li skop li qiegħed nagħti dawn it-*tips* sempliċi.

1. Sib it-*text* malajr billi tuża il-*keys* Ctrl-F flimkien.

Din hija *tip* prattika ħafna u tintuża spiss. Ġieli jkollok xi dokument twil jew xi *webpage* u tkun trid issib xi kelma speċifika malajr. Il-*windows* jagħmilielek faċli ħafna.
Tista tgħid li kull applikazzjoni per eżempju il-*Microsoft word*, *notepad* u oħrajn jużaw is-Ctrl-F. Tista tipprova issa stess. Agħfas l-ewwel *Ctrl* u F flimkien u fil-kaxxa *Find what* ikteb kelma minn dan id-dokument pereżempju **twil** u agħfas *Enter*. Il-kelma **twil** tiġi misjuba.

2. Poġġi *shortcut* għall-programmi tiegħek fuq id-*Desktop*.

Probabbli ġa indunajt li tista tpoġġi xi dokumenti, stampi etċ, fuq id-*desktop* imma forsi għadek ma ndunajtx li tista tpoġġi wkoll aċċess għall-programmi li tuża ta' spiss. Din hija waħda mil-kompjuter *tips* li sfortunatament tiġi njorata. Meta tpoġġi aċċess għall-programmi fuq id-*desktop* hija ħafna iktar prattika milli kull darba tuża li *Start* u toqgħod tfittex il-programm li għandek bżonn.

Biex tpoġġi *shortcut* għan-*notepad* fuq id-*desktop* għamel hekk:
Agħfas *Start* mur *all Programs* agħfas fuq *Accessories*, bil-*mouse* mur fuq *notepad*, agħfas il-buttuna tal-lemin u agħżel *Send to* u erġa agħzel *Desktop(create shortcut)*. Innota li *icon* ġdida tan-*notepad* ġiet fuq id-*desktop*. Minn issa il-quddiem biex tuża in-*notepad* agħfas darbtejn il-*mouse* fuq din l-*icon* tad-*desktop*.

L-*icons* tad-*desktop* tista tkabbarhom jew iċċekkinhom kif trid. Din hija proċedura sempliċi ħafna wkoll. Biex tkabbar jew iċċekken għamel hekk:
Bid-*desktop* quddiemek, poġġi il-*mouse* f'post vojt. Agħfas il-*mouse key* tal-lemin, agħżel view u erġa agħzel billi timmarka *small icons* jekk trid iċċekken. F'kelma waħda għandek tlett daqsijiet, *Large, medium* u *small icons.*

3.Meta jkollok bżonn l-għajnuna.

Xi drabi ikollok bżonn l-għajnuna u ma tkunx taf x’se tgħaqbad tagħmel jew lil min tistaqsi. Tista tgħid li kull programm li tuża għandu dak li jissejjaħ *built-in manual* jew *Help*. Tibżax tuża dan il-*manual*. Darba tfittixha diffikulta, se tibqa tiftakara. Jekk toqgħod iċċempel u tistaqsi biex ir-

risposta ssiba lesta, ma titgħallem qatt, għax meta jerġa jkollok bżonn terġa tinsa!!.
Jekk ma ssibx il-*manual menu*, agħfas il-*key* F1 fir-ringila ta' fuq.

**Nota**: xi *laptops* u *netbooks* ma għandomx il-*key* F1. Fuq din il-kwalita *ta'* kompjuters fittex il-*key* (generalment tkun numru 1) li fuqa ikun hemm F1 żgħira bil blu. Fittex ukoll il-key FN (*Function*) blu ukoll, meta issiba agħfas FN u F1 flimkien biex issib il-*manual help*.

4.L-użu tal-*Keyboard*.

Probabbli l-aktar invenzjoni fuq il-kompjuter biex ikun aktar aċċessibli huwa il-*mouse*. Il-*mouse* jiffrankalek milli toqgħod tiftakar ħafna istruzzjonijiet twal bil-*keyboard*. Pero il-*mouse* f'ċirkostanzi partikulari ma jkunx prattiku li tużaħ u hemm min ukoll għandu ir-roda f'idu.

F'ċerti ċirkostanzi tista tgħin lilek innifsek u tgħaġġel aktar ukoll billi tuża dak li jissejaħ *keyboard navigation*. Eżamina sewwa il-*menus* tal-programmi ngħidu aħna il-*Microsoft Word* u tinnota li ċertu ittri għandom sinjal taħtom. Biex tiftaħ xi *menu* jew tħaddem xi applikazzjoni, agħfas il-*key* Alt u l-ittra li għanda is-sinjal taħta flimkien. Per eżempju għandek bżonn tissejvja(*Save*), kull ma trid tagħmel tagħfas Alt u l-ittra S flimkien.

5. *Context menu*.

Ħafna mill-programmi għandhom dak li jissejaħ *context menu*. Biex tuża dan il-*menu* trid tagħfas il-buttuna tal-lemin tal-*mouse*. Per eżempju, waqt li tkun qiegħed tuża l-*internet*, u skont fejn tpoġġi il-*mouse*, meta tagħfas il-buttuna tal-lemin tista tara *menu* bi *view page source* jew *open link in new window*.

Biex tagħmel l-istess proċedura mingħajr ma tuża il-*context menu*, bilfors trid tuża il-*mouse* u trid tiftakar ħafna *shortcuts*. Bil-*context menu* tiffranka ħafna ħin.

6. *Multi-tasking*.

Din it-*tip* hija waħda mill-favoriti tiegħi. Ġieli tkun f'sitwazzjoni meta tkun qed tuża zewġt (u aktar ukoll) programmi flimkien. Ikollok bżonn tirreferi minn wieħed għall ieħor ta' spiss. Tinsiex, il-windows għandu il-kapaċita illi jħaddem aktar minn program wieħed flimkien. Biex tuża din il-faċilita trid tagħmel użu mill l-Alt u it-Tab keys flimkien. Ipprova ħaddem żewġt programmi wieħed wara l-ieħor u flok tuża il-*mouse*, li l-proċedura bill-*mouse* hija ħafna itwal, B'sempliċiment Alt u Tab flimkien tista taqleb minn programm għall-ieħor malajr u tkun qiegħed tiffranka ħafna ħin u użu żejjed tal-*mouse*. Innota ukoll illi jekk inti għandek tlett programmi jaħdmu f'daqqa, kull darb

li tagħfas l-Alt u it-Tab flimkien, tkun tista taċċessa faċilment dak il-programm li għandek bżonn, peress li l-programmi tarahom skond l-ordni li tkun ħaddimthom.

7. Neħħi programmi li ma tużax.

Programmi li ma tużax jisslowjaw u jaħlu ħafna riżorsi mill-kompjuter tiegħek. Programmi żejda joħolqu *icons* żejda li jrendu id-desktop mimli.

Fortunatament biex tneħħi il-maġġoranza tal-programmi minn fuq il-kompjuter hija faċli ħafna. Dawn trid tneħħihom mill-*control panel*. Il-*control panel* tal-*windows 7* tista tarah (*view by*) b'żewġt modi jew *by category* jew *by large* jew *small icons*. L-eħfef triq biex tneħħi programm nissuġerilek biex tissetja il-*control panel view by category*(mhux bilfors) u mill-*programs menu* agħżel *programs and features*, sib il-programm li trid tneħħi u bil-*mouse* agħfas il-buttuna tal-lemin u agħzel *uninstall*. Il-programm jiġi mħassar fi ftit sekondi. Skond kif ikun iddisinjat il-programm, jista jkollok bżonn tagħti *reboot* biex l-*icon* titħassar minn fuq id-*desktop* jew it-*taskbar*.

Jekk tkun żidt xi ikoni (*short cuts*) int wara li nstallajt il-programm dawn ikollok tneħħihom manwalment bill tmur fuqhom tagħfas il-buttuna tal-lemin tal-*mouse* u għafas *delete.*

8. Tgħalaq(*close*) programm ta' malajr.

Ġieli tkun f'sitwazzjoni meta jkollok bżonn tgħalaq xi programm malajr. Suppost biex tgħalaq programm jew tuża l-*exit* mill-*menu* jew is-simbolu X fir-rokna ta'fuq tad-*desktop* fuq il-lemin. Jekk tagħfas l-ewwel l-Alt u l-F4 flimkien tinqata minn dak il-programm li tkun qiegħed tuża dak il-ħin. Bħalissa inti qiegħed tuża l-*internet*, jekk tuża dawn iż-żewġt buttuni flimkien tinqata minn fuq l-*internet* minnufieħ.

9*. Diagnostic Panel*.

Probabbli diġa taf bill-*control panel* fejn il-*windows* iħallik tibdel ħafna mis-*settings* tiegħu. Pero, taf li hemm *pane*l oħra li tissejjaħ *Diagnostic Panel* li qegħda moħbija? Permezz ta' din il-*panel* tkun taf x'qiegħed jiġri fuq il-PC tiegħek dak il-ħin stess. Biex taċċessa din il-*panel* għandek bżonn tagħfas tlett buttuni flimkien u wara xulxin. Il-buttuni huma Ctrl, Alt u Delete. Il- buttuni trid tagħfashom fl-ordni li huma miktuba. Ipprova issa stess biex tara kemm din il-*panel* hija interessanti.

Waħda mill-faċilitajiet li toffri din il-*panel* huwa it-*Task Manager*. It-*task manager* huwa utilita b'saħħita ħafna għax jagħtik ħafna informazzjoni rigward li stat tal-PC u fuq ċertu programmi li jkunu qiegħdin jintużaw, dak il-ħin stess. Tista tkun taf kemm qiegħed juża riżorsi ċertu programm u kemm *traffic*

għaddej minn fuq in-*network*. Gieli tkun f'sitwazzjoni meta tkun qiegħed tuża programm u ma jibqax jirrispondi għall-*keyboard*, għall-*mouse* u għall ebda buttuna u ma tkunx tista toħrog minn din is-sitwazzjoni bl'ebda mod. Bit-*task manager* għandek is-saħħa biex iġġiegħl lil dan il-programm jieqaf (*Force quit*).

Il-lum se nieqaf hawn. Darba oħra nerġa nikteb fuq xi suġġett ieħor interessanti.

Saħħa lill-kulħadd...
John Felter.